MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2006

Appell Kriminali Numru. 191/2005

**Il - Pulizija**

**v.**

**Emanuel Lia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Emanuel Lia talli fil-15 ta' Jannar 2005, meta hekk ordnat mill-Qorti ta' Malta jew marbut b'kuntratt iehor, naqas jaghti l-access ta' l-ulied minuri taht il-kustodja tieghu lil Mary Grace Attard minghajr l-ebda raguni xierqa;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-31 ta' Mejju 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Emanuel Lia hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu *ammenda* ta' hamsa w ghoxrin liri Maltin (Lm25);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Emanuel Lia pprezentat fl-10 ta' Gunju 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjarah mhux hati skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;
Ikkunsidrat:

L-uniku aggravju ta' l-appellant li jirrizulta mir-rikors ta' appell u li ghalhekk jista' jigi kkunsidrat minn din il-Qorti huwa fis-sens li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi migjuba quddiemha meta sabet htija fih. Jghid li l-provi prodotti kienu jikkonsistu fid-deposizzjoni ta' Mary Grace Attard u ta' l-appellant u li d-deposizzjoni ta' l-appellant kienet plawsibbli u nnewtralizzat dik ta' Mary Grace Attard.

F'dan il-kaz ix-xiehda mismugha mill-ewwel Qorti ma gietx traskritta u ghalhekk din il-Qorti ghaddiet biex terga' tisma' x-xiehda mill-gdid hi. Pero` l-appellant ghazel li ma jixhidx u ghalhekk din il-Qorti ma setghetx zgur tikkonstata jekk deposizzjoni kinitx aktar plawsibbli minn ohra.

Mix-xiehda ta' Mary Grace Attard jirrizulta li effettivament l-appellant ma hax lit-tfal fl-Agenzija Appogg sabiex tarahom taht is-supervizjoni ta' *social worker* skond id-digriet relattiv tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja). Hija qalet li kien l-appellant stess li kien talab li l-access ghat-tfal ikun taht supervizjoni izda xorta mhux qieghed jehodhom.

P.S. 86 Anthony Lia xehed li fil-15 ta' Jannar 2005 Mary Grace Attard marret tirrapporta li l-appellant ma kienx hadilha t-tfal skond kif ordnat mid-digriet numru 1006/2004 tal-Qorti Civili. Qal li kien hemm diversi rapporti f'dan is-sens u li f'okkazjoni jew tnejn kien cempel lill-appellant u dan qallu li t-tfal ma jkunux iridu jaraw lil ommhom.

Issa, sakemm jinbidel ordni tal-Qorti b'digriet jew sentenza, l-ordni tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tat-22 ta' Ottubru 2004, irid jigi rispettat u ma jistax jigi evitat anke jekk xi hadd mit-tfal ma jkunx irid jattendi ghas-*supervised visit*. Zgur li ma ghandu jkun hemm ebda diffikulta` biex l-appellant, b'daqsxejn ta' rieda tajba, jiehu lil uliedu ghal dawn il-viziti, anke jekk kontra r-rieda taghhom. Altrimenti jigi li jew l-appellant stess jew it-tfal jassumu poteri ta' Qorti ta' appell jew ta' revizjoni biex jibdlu huma l-ordni tal-Qorti.

Kif gie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Jacqueline Zammit** tal-15 ta' Mejju 2003:

**"Din il-Qorti terga' ttenni dak li diga` gie ritenut minnha diversament preseduta u cioe` li l-ordnijiet tal-Qrati jridu jigu osservati skrupolozament u minghajr tfettieq u kavillar zejjed, inkella facilment f'kawzi bhal dawn, fejn ikun hemm element qawwi ta' pika bejn il-mizzewgin dwar kull haga possibbli u immaginabbli, din il-Qorti tigi ridotta f'Qorti ta' appell mid-digrieti tal-Qrati Civili. Ir-rimedju ta' min ikun ihossu aggravat b'xi digriet tal-Qrati Civili kemm dwar alimenti kif ukoll dwar access mhux li jiehu l-ligi b'idejh, imma li jirrikorri lill-istess Qorti li tkun emanat id-digriet jew ordni relattiv u jitlob revoka, varjazzjoni jew aggustament tieghu biex jittiehed kont ta' xi kambjament fis-sitwazzjoni."**

U kif gie ritenut ukoll minn din il-Qorti diversament preseduta, meta l-Qorti tigi **"biex tara jekk kienx hemm raguni xierqa u specjalment fil-kamp penali, trid twiezen l-interessi kollha, inkluz l-interess li l-ordnijiet tal-Qorti jigu obduti u mhux injorati fuq kwalsiasi pretest"** (Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Carmen Tabone Reale** deciz fil-25 ta' Lulju 1994. U **"b'raguni xierqa wiehed ghandu jifhem kif del resto gie elaborat fil-gurisprudenza, raguni oggettivament xierqa u mhux biss fil-mohh jew fl-opinjoni tal-parti li ma tippermettix l-access. Ezempju ta' dan hu xi mard serju tal-minuri li ma jkunx jaghmilha possibbli li dan**

**johrog mid-dar”** (Ara Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Joseph Ebejer** tad-19 ta’ Dicembru 1996 u **Il-Pulizija v. Jacqueline Zammit** tal-15 ta’ Mejju 2003).

Ghalhekk bhala fatt ir-reat jirrizulta pruvat u ma tirrizulta ebda raguni xierqa skond il-ligi biex l-ordni tal-Qorti ma kellux jigi obdut.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------